**Qorti tal-Appell Kriminali**

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 17/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Fabian Fleri)**

**(Spettur Elton Taliana)**

**vs**

**Brian Pace**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2017

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Brian Pace, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 377378M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u liema atti kienu maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Talli fit-3 ta' Novembru, 2008 ghall-habta ta' 11:30am minn Triq Mro.Giuseppe Camilleri, Birkirkara ikkommetta serq ta' vettura tal-ghamla Peugeot bin-numru tar-registrazzjoni GBC934 ghad-dannu ta' Jesmond Tonna liema serq jeccedi l-€2,329.37 (elfejn, tlett mija u

disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin Ewro centezmu), u ikkwalifikat bil-valur u x-xorta tal-haga misruqa.

2. u aktar talli bejn is-7 ta' Settembru, u s-16 ta' Novembru, 2008, ikkommetta serq ta' flus u diversi oggetti mill-fond bin-numru 13, Sqaq San Vincenz, Zabbar, liema serq huwa aggravat bil-valur li jeccedi l-€2,329.37 (elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin Ewro centezmu), bil-mezz u bil-lok ghad-dannu ta' Carmel Borg minn Zabbar; u aktar talli

3. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi gewwa Zabbar u gewwa dawn il-gzejjer, ikkommetta serq ta' mutur tal-ghamla Honda bin-numru tar-registrazzjoni FAA 556 ghad-dannu ta' Carmel Borg minn Zabbar liema serq hu ikkwalifikat bil-valur u x-xorta tal-haga misruqa; u aktar talli

4. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi gewwa Zabbar u gewwa dawn il-gzejjer, appropja ruhu, minn vettura tal-ghamla Mercedes bin-numru tar-registrazzjoni FBQ 516 billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor, li giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir minnha uzu specifikat; u aktar talli

5. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi gewwa Zabbar u gewwa dawn il-gzejjer, appropja ruhu mis-somma ta' €410 billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor, li giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir minnha uzu specifikat; u aktar talli

6. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi gewwa Zabbar u gewwa dawn il-gzejjer, ikkommetta serq ta' cheques proprjeta ta' Carmel Borg u/jew id-dipartiment tas-sigurta socjali liema serq huwa aggravat bil-mezz; u aktar talli

7. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, b'ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex gieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji jew sabiex iqanqal tama' jew biza' ta' xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' €437.64 (erbgha mija u sebgha u tletin Ewro u erbgha u sittin Ewro centezmu) ghad-dannu ta' Carmel Borg u/jew id-Dipartiment tas-Sigurta Socjali u/jew persuni ohra; u aktar talli

8. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi gewwa Zabbar u gewwa dawn il-gzejjer, kien fil-pussess jew laqa' jew xtara hwejjeg mehuda b'qerq jew akkwistati b'qerq jew xjentement b'kull mod indahal biex jbieghhom jew imexxihom.

9. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-provedimenti ta' probation order moghtija fil-konfront tieghu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. A.Vella LL.D datata 8 ta' Marzu, 2007 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

10. Talli fl-istess data, lok u cirkostanzi rrenda ruhu recidiv u dan ai terminu tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti, kienet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti, kienet ukoll mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384, u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati, kif ukoll li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-16 ta' Jannar, 2015 li biha filwaqt li astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tmien (8) u d-disa' (9) imputazzjonijiet [imputazzjoni alternattiva u ohra mhix indikata mill-Avukat Generali fir-rinviju ghall-gudizzju], u fil-waqt li ma sabitx lill-imputat hati ta' l-ewwel (1), il-hames (5), is-seba' (7) u l-ghaxar (10) imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u illiberatu minnhom, sabet lill-appellant hati tat-tieni (2) imputazzjoni minghajr l-aggravju tal-valur mill-liema aggravju kien liberat, tat-tielet (3) ir-raba' (4) u s-sitt (6) imputazzjoni u taghhom ikkundannatu sitta u ghoxrin (26) xahar prigunerija. Inoltre u b'applikazzoni ta' l-artikolu 533 tal-Kaptiolu 9 ordnat lill-appellant biex ihallas lir-Registratur tal-Qrati s-somma ta' €783.47 rapprezentanti spejjez inkorsi fil-hatra ta' l-esperti;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Brian Pace, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-27 ta' Jannar, 2015, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti **tirriforma u timmodifika** s-sentenza appellata billi **tikkonfermaha** fil-parti fejn astjeniet fir-rigward tad-disa' imputazzjoni, u fejn illiberatu fir-rigward ta' l-ewwel, fl-aggravju tat-tieni mputazzjoni, tal-hames, is-sebgha u l-ghaxar imputazzjoni,u fejn sabet lill-esponent hati tar-raba imputazzjoni fuq l-ammissjoni tieghu u **thassarha u tirrevokaha** in kwantu sabitu hati ghall-kumplament u cioe' mit-tieni, t-tielet, ir-raba, s-sitt mputazzjonijiet u mill-imputazzjoni dwar l-ispejjez relatati mal-hatra ta' l-esperti u ghalhekk tiddikjarah mhux hati ta' dawn l-ahhar hames imputazzjonijiet u tilliberah anki minnhom, u kif ukoll **thassarha u tirrevokaha** f'dik il-parti tal-piena nflitta fuqu mill-Ewwel Qorti, u minflok taghtih piena relattiva biss ghall-htija misjuba fir-raba' mputazzjoni;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet lid-difensur tal-appellant u lill-Avukat Generali;

Ikkunsidrat:

1. Illi qabel kull konsiderazzjoni ohra, din il-Qorti tosserva li hemm xi inkonsistenzi fit-talba tar-rikors tal-appell li jehtieg li jkunu stradati. L-ewwel Qorti kienet astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tmien imputazzjoni, dik ta' ricettazzjoni moghtija bhala alternattiva tar-reat ta' serq u d-disa' imputazzjoni, dik li l-Avukat Generali naqas li jindika fir-rinviju ghall-gudizzju u ghalhekk naturalment meqjusa bhala irtirata. Meta l-appellant talab ir-riforma tas-sentenza appellata u ghalhekk il-konferma taghha f'dik il-parti fejn il-Qorti ma sabitx htija u astjeniet, naqas li jindika ukoll it-tmien imputazzjoni sabiex b'hekk jigi li ma talabx il-konferma ta' dik l-astensjoni. Issa la darba ma hemmx appell minn naha tal-Avukat Generali u la darba din il-Qorti ma tistax tibdel dik il-parti tad-decizzjoni tal-ewwel Qorti, ser jitqies li l-appellant talab ukoll il-konferma ta' dik l-astensjoni;

2. L-appellant talab ukoll il-konferma tas-sentenza fejn din sabitu hati tar-raba' imputazzjoni fuq ammissjoni tieghu. Fl-istess waqt, izda, talab it-thassir tas-sentenza ghar-rigward tat-tieni, it-tielet, **ir-raba'**, is-sitt imputazzjoni u l-kundanna ghall-ispejjez peritali. L-istat konfuzzjonarju ta' din is-sitwazzjoni huwa prorogat bil-fatt illi huwa jikkonkludi l-appell tieghu bit-talba ahharija li jinghata piena ghall-htija misjuba fir-raba mputazzjoni. Issa, ezaminati l-atti processwali, jemergi illi meta l-appellant kien ha l-pedana tax-xhieda, kien kkonceda li biegh il-vettura tal-kwerelant minghajr il-kunsens tieghu u zamm ir-rikavat ta' mitt lira skond hu u mitejn u hamsin euro skond ix-xerrej. Fir-raba' aggravju tieghu, l-appellant jissottometti illi huwa seta jinstab hati biss tar-raba' imputazzjoni. Filwaqt illi din il-Qorti

tissollecita aktar precizzjoni fir-redazzjoni tal-atti konsimili ghaliex tali konfuzzjoni tista' ggib maghha pregudizzju ghall-parti u tissarraf f'hafna konsum ta' hin ta' din il-Qorti, anke hawn, dan qed jitqies bhala *lapsus* rimedjabbli billi jitqies illi l-appellant ried ifisser li qed jitlob il-konferma ta' dik il-parti tas-sentenza fejn sabitu hati tar-raba' imputazzjoni. Madanakollu, din il-Qorti ser tghaddi biex taghmel il-mistoqsija opportuna lill-appellant qabel il-prolazzjoni tas-sentenza;

3. Stradat dan, jokkorri issa kunsiderazzjoni dwar l-aggravji tal-appellant li jistghu jitqiesu bhala aggravju singolari mirati lejn l-apprezzament zbaljat tal-provi mill-ewwel Qorti. L-appellant kien tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fuq zewg incidenti separati. L-ewwel wiehed u proprju l-ewwel imputazzjoni kienet titratta dwar serq ta' vettura u dwar dan kien illiberat. L-imputazzjonijiet l-ohra huma kollha relatati u kienu jitrattaw serq u approprjazzjoni indebita ta' oggetti u flus appartenenti lill-certu Carmelo Borg fejn kien misjub hati biss dwar uhud minnhom (numru 2, 3 u 6) u liberat mill-ohrajn (4, 5, 7, 8 u 9);

4. L-isfond tal-imputazzjonijiet mit-tieni wahda 'l quddiem kollu jemani minn rapport li certu Carmelo Borg kien ghamel sabiex jinbdew proceduri kontra l-appellant fuq l-allegazzjoni li dan kien seraqlu diversi oggetti fil-perjodu li fih Borg kien inkarcerat. Borg kien arrestat wara tfittxija li saret fir-residenza tieghu u waqt li kien detenut preventivament fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, kien talab lill-appellant jehodlu hsieb xi hwejjeg. Hu talbu li jisposta l-vettura tieghu mill-bitha tal-Kwartieri tal-Pulizija u jqieghdhielu fil-parkegg tal-habs kif ukoll illi jigbed il-flus kollha li kellu f'zewg *Cashlink Accounts* u jiddepozithom f'ismu (f'isem Borg) il-habs. Talbu ukoll inehhi mill-kerrejja tieghu flus kontanti li kellu mohbija fl-ammont ta' sittin elf euro. Kien ukoll talab lil huh jara li kollox kien sew fil-kerrejja tieghu u li *DVD player,* television u *laptop computer*s kienu ghadhom hemm izda dawn ma sabhomx fil-post;

5. Skond Borg, l-appellant qatt ma gablu l-vettura anzi bieghha minghajr biss kien jaf. Biegh ukoll mutur gdid li kellu fil-bitha tal-kerrejja, zamm is-somma ta' €400 ghalih mill-flus tal-*Cashlink Accounts* u hadlu ukoll cheque ta' beneficcji socjali. Jemergi mill-atti processwali, illi l-Maggur tal-Habs kien ghadda ic-cwievet tal-karozza u l-*Cashlink Cards* lill-appellant fuq l-istruzzjonijiet u presenza ta' Borg li ukoll ghaddielu il-*pin numbers* sabiex ikun jista' jaccessa dawn il-kontijiet. Jidher illi l-kerrejja ta' Borg kienet tissakkar permezz ta' katnazz izda huh induna li dan kien inbidel u meta dahal kien hemm hafna taqlib u ma sabx id-*DVD player, laptops* u t-television u anqas ic-cheque tas-servizzi socjali li kellu jkun fil-kaxxa tal-ittri;

6. Kontra dawn l-allegazzjonijiet hemm id-dikjarazzjoni ta' l-appellant illi dawn l-allegazzjonijiet kienu kollha forma ta' tpattija minn Borg talli rrifjuta li jghaddilu ammont ta' droga gewwa l-habs;

7. Rikapitolati dawn il-fatti, jokkorri issa ezami tal-imputazzjonijiet li dwarhom instab hati l-applellant. It-tieni imputazzjoni tirrigwarda serq tas-somma ta' €60,000, *DVD player, laptop computer* u television mill-kerreja ta' Borg. L-ewwel Qorti korrettament ma sabitx htija fl-appellant fis-serq tal-flus fl-ammont ta' €60,000, ghaliex ma ngiebet ebda prova li dawn qatt kienu jezistu wara li Borg xehed illi l-ammont kien provenjenti minn bejgh ta' tlett xarabanks u kienu intizi sabiex bihom ihallas ghax-xiri ta' appartament li dwaru kien qed jistenna r-ricerki. Jghid illi l-manager tal-bank induna li kien qed jigbed dawn l-ammonti ta' flus. Jghid li kien heba dawn il-flus fil-kerrejja u fl-istess waqt meta l-Pulizija ghamlulu tfittxija ghad-droga *pulzier b'pulzier* tal-kerreja ma sabu xejn minkejja li allegatament kienu mohbija taht cilindru tal-gass. Hu la ressaq prova tal-konvenju, la tad-depozitu fil-bank u anqas tat-trasferimenti tax-xarabanks u ghalhekk l-ewwel Qorti ma taghtu ebda kredenza dwar dan l-ammont ta' flus. L-istess Qorti izda sabet htija fl-appellant fir-reat ta' serq tal-oggetti l-ohra bl-aggravju tal-mezz u lok izda mhux dak tal-valur;

8. Carmelo Borg xehed illi hadd hlief hu ma kellu c-cavetta tal-katnazz tal-appartament tieghu u kien sakkar warajh meta l-Pulizija arrestawh u haduh maghhom. Meta talab lil huh imur jara li kollox kien sew fl-appartament, dan irrapurtalu li sab katnazz differenti minn dak li kien jaf hu. John Borg, izda, xehed illi fuq struzzjonijiet ta' huh kien mar jara li kollox kien sew fl-appartament tieghu u hemm sab l-appartament **miftuh** meta kien jaf li huh kien isakkar **b'zewg katnazzi**. Huh kien semmielu *DVD,* television u affarijiet tal-mutur izda dawn ma rahomx fuq il-post meta dahal u sab kollox imqalleb bhal donnu dahlu xi nies ifittxu, hareg u ghamel zewg katnazzi ohra. Fuq struzzjonijiet tal-Ispettur, mar fl-appartament biex ifittex ghal kaxxa tad-*DVD* li fil-fatt irnexxielu isib;

9. Rita Caruana, li f'dak iz-zmien kienet qed tghix u tiehu hsieb l-appartament sottostanti dak ta' Carmelo Borg fl-assenza ta' zijuha li kien imsiefer tghid illi meta semghet xi hsejjes telghet biex tirrakomanda li jinghalqu t-twieqi minhabba x-xita u meta habbtet il-bieb fetah persuna li qal li kien il-kugin ta' Borg li aktar tard fl-awla gharfet li kien l-appellant. Ftit wara ratu niezel b'borza sewda f'idejh. Jumejn wara regghet semghet il-hsejjes izda ma tatx kashom hlief meta semghet il-mutur li Borg izomm fil-komun u hemm rat lill-appellant u wissietu biex ma jqabbdux minhabba l-istorbju u serhilha mohha li kien ser jistartjah barra;

10. L-Ispettur Fabian Fleri xehed illi mir-residenza tal-appellant kien eleva *DVD player* u *computer monitor* li Carmelo Borg kien gharaf li huma tieghu. In-numru tas-serje tad-*DVD player* kien jaqbel man-numru fuq il-kaxxa li hu Borg kien sab fl-appartament ta' huh. Dwar dan, l-appellant, b'zieda ma' dak rikapitolat *supra* jghid li dan kollu sar bi tpattija. Spjega illi kien Borg stess li talbu jehodlu id-*DVD player* u it-television il-habs izda talbu iduru ftit ghaliex kien dahallu hafna ilma fl-appartament. Wara li inqala l-inkwiet kollu, li naqas li jehodlu d-droga l-habs u li aktar tard jghid li kkonsmaha hu stess, ma setax jersaq lejn il-habs u halla l-oggetti ghandu. Huwa kellu access ghall-

fond permezz tac-cwievet li sab fil-vettura ta' Borg li taghha inghata c-cwievet mill-istess Borg;

11. Dwar dawn l-oggetti, l-ewwel Qorti ikkonkludiet hekk: "*Illi dwar l-oggetti l-ohra li ghalihom tirreferi din it-tieni imputazzjoni l-Qorti hija konvinta li tista' taghti kredibilita' lil Carmelo Borg. Dan mhux biss ghaliex dawn huma oggetti li wiehed normalment isib id-dar imma fuq kollox ghaliex tnejn minn dawk l-oggetti instabu ghand l-imputat (u l-kaxxa ta' wiehed minnhom kienet fid-dar ta' Borg) u hu jammetti li hadhom minghand Borg. Fil-verita l-imputat jghid li hadhom biex jippruvahom qabel ma jaghtihom lil Borg il-habs pero l-Qorti assolutament mhiex konvinta li dik kienet ir-raguni, aktar u aktar meta ma jirrizultax li Borg talab lill-imputat biex johodlu dawn l-oggetti l-habs. Illi tenut kont ta' dan il-Qorti hija konvinta l-imputat ghandu jinsab hati ta' serq tad-DVD player, il-monitor, it-television u l-laptop. Illi in oltre, fil-fehma tal-Qorti, l-aggravju tal-mezz huwa pruvat ukoll la darba l-imputat ma kellux ic-cwievet ta' l-appartament (jirrizulta li mill-habs huwa nghata biss ic-cwievet tal-Mercedes) u l-katnazzi li halla Borg mal-bieb tar-residenza gew mkissra. L-aggravju tal-lok huwa pruvat ukoll la darba is-serq sar mir-residenza ta' Borg* ".

12. Il-fatti kif traccati minn din il-Qorti ghar-rigward ta' dan il-kapitolu huma diversi minn dawk kif rikapitolati mill-ewwel Qorti. Fl-ewwel lok Borg jilmenta minn serq ta' DVD player, television u zewg laptops. L-ewwel Qorti kkonkludiet illi l-appellant kien inghata biss ic-cwievet tal-Mercedes izda skond id-dokument VV1 (fol 46) l-appellant kien inghata mill-Ufficcjal tal-Habs fil-presenza ta' Borg, *Three (3) keys, one BOV Cashlink (numru provdut) u one BOV Cashlink (numru provdut)*.. Ezaminati ukoll t-traskrizzjonijiet tat-telefonati li Carmelo Borg ghamel mill-habs gia jirrizulta illi l-appellant kien inghata c-cwievet tal-fond minn Borg. Fis-16 ta' Settembru, 2008 (fol 394), Borg jghid lill-appellant: "Le, taf kemm inhobbok Bri, ha nghidlek, taf, x'ghandi bzonnok. Tiehu l-karozza mid-depot, tiehu c-cwievet tad-dar, tmur,

nghidlek fejnhom il-flus, iggibli l-flus, ghax ma ghandi xejn, ghax jien lilek nafdak id-dar". F'telefonata ohra li Borg ghamel lil certu Rob fis-16 ta' Settembru 2008 (fol 275), Borg jghid lil Rob: "Ahjar tajt ic-cwievet lilek hi ... Madonna. Imma jien ma kontx naf ghax kieku kont incempillek u nghati c-cwievet tal-flat lilek". F'wahda minn sensiela ta' telefonati li l-kwerelant ghamel lil certu Brian, li din il-Qorti m'ghandhiex dubju li huwa l-appellant, Borg jghidlu: "Ha nghidlek, ara joghokx [jghogbokx] xi haga mid-dar jew ek u ntielhek hu" (23.09.08 fol 559). Fit-2.10.2008 (fol 543) jistaqsih min ha t-television u l-video u ma jsemmi xejn dwar il-monitor u zewg laptops. Fil-5.10.08 (fol 566) staqsa lill-mart l-appellant, certu Nat, ghaliex hadlu t-television u d-dvd u ma jsemmi xejn dwar l-ohrajn. F'telefonata lil huh John fit-2.10.08 (fol 222) isiru mistoqsijiet dwar it-television u dvd u a fol 224 Borg jistaqsi: "Igifieri fuq il-bank tal-kcina m'hemmx televixin zghir u DVD u ma jsemmi xejn dwar il-laptops u monitor. L-appellant xehed illi mar hames darbiet fid-dar tal-kwerelant u li ha t-television u d-DVD player biex jehodhom ghand Borg izda ried ikun cert li jahdmu wara li kien dahal xi ilma fl-appartament ta' Borg. Din il-kwistjoni tal-ilma xehedet dwarha Rita Caruana li meta rat lill-appellant fl-appartament wissietu jghalaq it-twieqi minhabba li kien dahal xi ilma tax-xita. L-appellant imbaghad jghid illi l-oggetti baqghu ghandu ghaliex ma azzardax imur ikellem lill-Borg wara dak li inqala' bejniethom;

13. L-ewwel Qorti skartat it-traskrizzjonijiet tat-telefonati li Borg ghamel mill-habs ghaliex ma kienx fihom piz probatorju la darba ma kienx hemm prova ta' min kienu n-numri in kwistjoni. Din il-Qorti, izda, fliet dawn it-telefonati u hija ta' opinjoni diversa ghaliex il-konversazzjonijiet huma korroborati mill-fatti speci innifishom u jistghu jitqiesu bhala indizji univoci;

14. Jemergi minn dawn it-telefonati illi Borg kien awtorizza lill-appellant jaccedi fl-appartament tieghu tant illi f'hin minnhom jghidlu fejn kienu jinsabu mohbija xi flejjes fl-istess residenza u ma jistghax issa jghid bil-kontra. Din il-Qorti hi tal-fehma illi ma kienux

jikkonkorru il-hames elementi formanti r-reat ta' serq sabiex l-ewwel Qorti ssib htija f'din l-imputazzjoni. L-eghmil tal-appellant aktar jipotizzxa r-reat ta' approprijazzjoni indebita izda la darba ma kienx imputat b'dan ir-reat b'mod alternattiv, din il-Qorti issa ma tistax issib htija fuq hekk. Dan l-aggravju ghalhekk qed ikun akkolt;

15. L-appellant instab hati ukoll ta' serq ta' mutur ghad-dannu tal-istess Carmelo Borg bl-aggravju tal-valur u x-xorta tal-haga misruqa. Dan il-mutur huwa registrat f'isem Carmelo Borg u jidher li kien jitqieghed fil-komun tal-kerrejja. Fi zmien li fih kien inkarcerat Borg, dan il-mutur ma deherx aktar minkejja li Borg kien ta' sikwiet jistaqsi dwaru ghaliex kellu l-biza li jista' jinsteraq. Rita Caruana xehedet illi kienet rat lill-appellant icaqlaq il-mutur u talbitu ma jistartjahx gewwa minhabba l-istorbju u accertaha li ma kienx ser jaghmel hekk u li kien ser jiehdu minn hemm;

16. Dwar is-serq ta' dan il-mutur l-ewwel Qorti ikkonkludiet hekk: " *Illi dan il-mutur, li Carmelo Borg qal li xtrah bil-prezz ta' xi tlett elef lira Maltija, kien gie nnotat fil-komun tal-kerrejja fejn hallih Borg meta gie arrestat. Fil-fatt jirrizulta ukoll li Rita Caruana mhux rat lill-imputat hdejn il-mutur, imma rat lill-imputat icaqalqu. Aktar minn hekk Caruana tghid li, meta hi kellmitu fuq il-mutur u biex ma jixeghlux gewwa minhabba l-hsejjes, l-imputat qallha biex ma tinkwietax ghaliex kien ha jiehdu. Ftit tal-hin wara din il-konversazzjoni Caruana ma ratux aktar il-mutur. / F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hija konvinta li din it-tielet imputazzjoni hija sodisfacentement pruvata*";

17. L-appellant jargumenta illi huwa ta spjegazzjoni plawsibbli ghar-rigward tal-allegat serq tal-mutur u ma kienitx ippruvata r-*res furtiva,* u dan ma nstabx fil-pussess tal-esponenti u jghid li l-mutur ittiehed minn sidu ghaliex Borg ma kienx hallas tieghu. Ezaminati l-atti fir-rigward ta' din l-imputazzjoni, jemergi illi dan il-mutur kien jinsab f'parti tal-kerrejja fejn jidher li kien hemm access liberu. L-uniku ness li hemm bejn dan il-mutur u l-appellant hu li kien intlemah icaqalqu. Kif gia inghad, l-ewwel Qorti ma haditx konjizzjoni tat-telefonati li

Carmelo Borg ghamel mill-Habs. Minn dawn it-telefonati jirrizulta illi dan il-mutur, skond l-istess Borg f'wahda mill-hafna telefonati tieghu lil certu Brian, li din il-Qorti tifhem li hu l-appellant, jghidlu li kien xtara mutur bil-valur ta' elfejn liri maltin u tghidx kemm ser jiehdu gost bih fis-sajf. Jidher li f'okkazjoni minnhom l-appellant sab il-mutur mwaqqa u rriskontra ukoll girfa fuq it-tank tieghu u ghalhekk regghu lura f'postu. A fol 244, Borg jghid lil Johnny, li jidher li huwa huh: "Ghidlu jgib il-mutur lura" (telefonata 10.11.2008 fol 244) minghajr ma jirreferi ghall-hadd. A fol 490 b'telefonata ta' Borg lil Brian, jghidlu sabiex imur jittawwal lill-mutur ghaliex "... cempilli l-ispettur qalli rahom jigru bih bla licenzja u insurance, u licenzja u insurance hallasthomlhom mitejn euro". A fol 538 b'telefonata lil Brian tat-2.10.2008 jghid hekk: "Ghax dan 99% min halla l-flus ghandi, ga hadli l-mutur, ga hadu b'sahha hu u t-tifel, ga hadli l-karozza Brian, issa ha jaghmel kuntatt Brian u jigi u johodli l-post. Lest li zzommni mieghek Brian. Mieghek u mal-mara tieghek id-dar?". Gia Borg kellu suspetti f'min seta hadlu l-mutur izda fit-telefonata tal-istess jum (fol 539) jghidlu: "Is-Sway qallu xi hadd dealer minn Hal-Qormi, fih m'ghola hawn u ghandu it-tifel", izda f'telefonata lil John fis-27.9.2008 (fol 523) kien tah is-segwenti struzzjoni: "Il-mutur imbaghad ghid lill-Pulizija li Brian haduh";

18. Minn dawn it-telefonati u ohrajn huwa palezi illi kien hemm hafna nies involuti. Borg kien jibghat diversi nies biex jara s-sitwazzjoni dwar il-mutur u sahansitra kien hemm min ikkonfermalu li kien qieghed hemm filwaqt li fl-istess hin icempel lil huh li jghidlu li ma jistghax ikun ghax mhux qed jarah. Ghalhekk ma tistax din il-Qorti serenament tkun konkordi mal-konkluzzjoni raggunta minn dik tal-ewwel grad. Bil-fatt wahdu li l-appellant intlemah icaqlaq il-mutur ma jfissirx b'daqshekk illi l-ewwel Qorti setghet ragjonevolment ssib htija fl-appellant. Dan l-aggravju ghalhekk qed ikun akkolt;

19. L-aggravji tal-appellant jestendu ukoll ghar-rigward tas-sitt imputazzjoni, dik ta' serq ta' <u>cheques</u> proprjeta' ta' Carmel Borg u/jew

id-dipartiment tas-sigurta' socjali bl-aggravju tal-mezz. Huwa jargumenta illi ma jistghax jifhem kif l-ewwel Qorti sabitu hati ta' serq ta' dawn ic-cheques u fl-istess waqt illiberatu mis-seba' imputazzjoni li ghamel qligh ta' €437.60 li hu l-valur ta' dawn ic-cheques. Jghid illi kien hemm cheque wiehed li allegatament insteraq u mhux aktar, kif ukoll illi l-prosekuzzjoni naqqset milli tressaq prova minghand id-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali dwar il-mankanza ta' dan ic-cheque:

20. L-ewwel Qorti ghamlet is-segwenti konsiderazzjoni dwar is-sitt imputazzjoni: " *Illi permezz tas-sitt u s-seba' imputazzjoni l-imputat qed jigi addebitat b'serq, aggravat bil-mezz ta' cheque; u frodi fl-ammont ta' €437.64. Illi hawn il-prosekuzzjoni qed tallega li l-imputat seraq ic-cheque tar-relief ta' Borg billi sgassa il-letter box u li l-imputat sarraf dan ic-cheque u ha l-flus hu a dannu ta' Carmelo Borg. Illi mill-provi processwali jirrizulta li Carmelo Schembri kien innota li l-letter box ta' Borg kienet sgassata. L-istess Schembri kien xehed ukoll li darba (wara li Borg kien inkariga lill-istess Schembri biex jibda johodlu hsieb il-posta inzerta lill-imputat hemm ifittex il-posta ta' Borg. Aktar minn hekk irrizulta li Rita Caruana kienet rat lill-imputat jiehu envelope mill-letter box ta' Borg li fih kien jidher li hemm cheque. Illi f'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hija sodisfatta li s-sitt imputazzjoni hija sodisfacentement pruvata. Illi l-istess ma jistghax jinghad ghas-seba' imputazzjoni ghaliex il-prosekuzzjoni ma gabet l-ebda prova dwar jekk ic-cheque misruq giex imsarraf u jekk iva, minn min";*

21. Irid jinghad *in primis*, illi l-appellant ma ghandux ragun meta jistenna li la darba kien liberat mis-seba imputazzjoni, dik ta' qligh b'qerq allegatament billi sarraf cheque jew cheques intestat lil terzi, allura kellu jkun liberat ukoll mill-imputazzjoni ta' serq ta' l-istess cheque. L-ewwel Qorti korrettement illiberat lill-appellant ghaliex ma ngiebitx dik il-prova biex turi li kien ghamel gwadann ghad-detriment tal-kwerelant mill-mezzi msemmija fl-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali. Pero' b'daqshekk ma jfissirx li kellu awtomatikament ikun liberat fuq l-imputazzjoni ta' serq ta' cheque jew cheques, la darba

*gratia argomenti*, seta' seraq ic-cheque u zammu ghandu jew iddispona minnu u dawk li allegatament seraq ma humiex neccessarjament dawk li allegatament ghamel qliegh dwarhom;

22. Dwar dawn ic-cheques kien iddepona il-gar tal-kwerelant, Carmelo Schembri (fol 131 *et seq*) li jghid li l-kwerelant kien talbu jehodlu hsieb il-posta kemm idum il-Habs. Gieli kien hemm posta li tikkontjeni cheque u gieli kellu jirraporta lill-kwerelant li ma kienx wasal ic-cheque mistenni minnu. Il-posta kien jghaddiha lill-hu l-kwerelant. Jum minnhom kien hiereg mill-isqaq u nnota lill-appellant u wissieh li ma kellux ghalfejn jersaq 'l hemm ghaliex kien hu li qed jiehu hsieb il-posta u l-appellant qal li kien mar jigbor il-posta fuq struzzjonijiet tal-kwerelant. Darba minnhom innota ukoll li l-kaxxa tal-ittri kienet zgassata pero' ma jafx minn min; Rita Caruana tghid a fol 93 illi kienet rat lill-appellant jiftah il-kaxxa tal-ittri tal-kwerelant u jiehu cheque. L-ewwel Qorti staqsietha kif kienet taf li dan kien cheque u wiegbet illi mill-*envelope* kienet tidher illi gewwa kien hemm cheque. L-appellant kien qalilha li kien l-kwerelant li baghtu biex jigbor ic-cheque;

23. Il-konvinciment tal-ewwel Qorti li kien jirraffigura r-reat ta' serq ravvizat fis-sitt imputazzjoni kien radikat mid-deposizzjoni ta' dawn iz-zewg xhieda. Dawn jistghu jitqiesu bhala prova diretta li l-appellant kien jiehu posta tal-kwerelant inkluz allura cheque jew cheques u dwar dan, Rita Caruana, ma ghandha l-ebda dubju. Is-sitt imputazzjoni hija dwar serq ta' cheques u mhux dwar serq ta' cheque b'numru u ammont partikolari. La darba dawn kienu tqieghdu mill-pustier fil-kaxxa tal-ittri ta' Borg, allura huwa prezunt li huwa il-proprjetarju jew id-detentur taghhom u la darba kien intlemah jiehu dawn ic-cheques ma tarax din il-Qorti raguni ghaliex ghandha tiddisturba id-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti. Dan l-aggravju ghalhekk qed ikun michud;

24. Fl-ahhar aggravju tieghu, l--appellant jimpunja dik il-parti tas-sentenza li biha l-ewwel Qorti kkundannat lill-appellant ghall-hlas tal-

ispejjez peritali fit-termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali. Fl-udjenza tat-28 ta' Frar, 2011, l-ewwel Qorti nnominat espert biex jezamina id-dokumenti FF 7, ET3 u ET 4. L-ahhar tnejn huma registrazzjoni minn CCTV cameras filwaqt li EF7 huma registrazzjonijiet ta' telefonati mill-Habs fejn kien dikjarat mill-Ispettur Prosekutur illi telefonati ma' Brian Pace kien hemm ftit li xejn (fol 161). Ir-relazzjoni tal-espert hija esebita bhala MB1 a fol 181 u din tikkontjeni elenku ta' telefonati (pagna) allura re Dok FF7 u stills minn CCTV recordings, allura ET3 u ET4. Dawn ma kienu ta' ebda utilita' dwar l-ewwel imputazzjoni la darba kien hemm liberazzjoni u wisq anqas ghas-sejbien ta' htija fl-imputazzjonijiet l-ohra. L-ispejjez ta' dan ir-rapport huwa fl-ammont ta' €487.34;

25. L-inkarigu tal-espert kien estiz ghal-traskrizzjoni tat-telefonati Dok FF7. Din ir-relazzjoni kienet debitament prezentata u ntaxxata fl-ammont ta' €332.17. Saret ukoll traskrizzjoni mill-istess espert ta' telefonati registrati Dok DC2 intaxxat fil-valur ta' €451.30. Irid jinghad illi apparti il-liberazzjoni tal-appellant mill-ewwel imputazzjoni, il-perizji ordnati mill-Qorti ma kienu ta' ebda utilita' ghaliha u skartat l-istess perizji ghaliex "*Kull m'hemm indikat huwa in-numru li huwa cempel minghajr ebda indikazzjoni dwar ta' min hu dak in-numru. F'dawn ic-cirkostanzi dawn it-telefonati ma tantx jistghu jinghataw piz probatorju*";

26. Tajjeb illi jinghad ukoll illi ghalhekk it-traskrizzjoni tat-telefonati ma kienu ta' ebda utilita' ghas-sejbien ta' htija mill-ewwel Qorti, fejn sabet htija, dawn certament huma ta' interess ghall-awtoritajiet fir-ricerka taghhom dwar r-ragunijiet ghaliex persuna inkarcerata ghandha titlob tramite it-telefon lill-persuni barra l-Habs biex tixtrilha *hamest ifniek* jew *tlett tigigiet*, jew *tnejn tal-ghoxrin,* jew kif iwassal il-karozza quddiem il-bieb l-ahdar tal-mechanic u jimxi ftit passi fuq il-lemin fejn hemm zewgt izkuk. Jew meta ssir telefonata lill-Ghassa ta' Haz Zabbar u jsir is-segwenti diskors a fol 450: *Ha nghidlek, bir-rispett kollu lejk, innezzahhielu l-libsa lil dak l-ispettur ta'.*

*Innezzahhielu l-libsa lil dak l-ispettur ta'. Ha nohrog minn hawn ta', ha nghidlu kemm jiena kapaci nahdem ha nohrog minn hawn imma. Ma nista' naghmel xejn ghad ghandi sittax-il xahar imma la nohrog minn hawn. Hadt nota habib".* Din il-Qorti mhix tal-fehma li perizja li ma kienet ta' ebda relevanza lill-Qorti ghandu jkun ikkundannat ihallas l-ispejjez taghha l-appellant u ghalhekk dan l-aggravju qed ikun akkolt;

27. Kwantu ghall-piena, din il-Qorti semghet lill-ufficcjal tal-probation fi tlett okkazzjonijiet u kienet issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza bil-ghan li ssegwi il-progress tal-appellant fi programm residenzjali. Din il-Qorti issa trid tikkomina l-piena kwantu ir-raba u s-sitt imputazzjoni. Ir-raba' imputazzjoni ex artikolu 293 tal-Kodici Kriminali iggib maghha piena ta' prigunerija minn tlett xhur sa' tmintax-il xahar u ser tkun konsiderata l-ammissjoni tal-appellant in rigward. Is-sitt imputazzjoni iggib maghha piena ta' prigunerija minn hames xhur sa disa' xhur ex artikolu 278(4) tal-Kodici Kriminali;

Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddisponi minn dan l-appell billi:

**Tikkonferma** s-sentenza appellata f'dik il-parti fejn l-ewwel Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tmien (8) u d-disgha (9) imputazzjonijiet, f'dik il-parti fejn ma sabitx lill-appellant hati ta' l-ewwel (1), il-hames (5), is-sebgha (7) u l-ghaxar (10) imputazzjonijiet u lliberatu minnhom u f'dik il-parti fejn sabet lill-appelant hati tar-raba(4) u s-sitt (6) imputazzjoni;

**Tirrevokaha** f'dik il-parti li biha sabet lill-appellant hati tat-tieni (2) imputazzjoni minghajr l-aggravju tal-valur mill-liema aggravju kien liberat, u hati tat-tielet (3) imputazzjoni u minflok tilliberah minn kull htija u piena dwar l-istess;

**Tirrevokaha** ukoll f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellant ghal hlas tal-ispejjez peritali fl-ammont ta' €783.47;

**Tirriformaha** f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellant ghal-perjodu ta' prigunerija ta' sitta u ghoxrin (26) xahar u minflok tikkundannah ghal-perjodu ta' prigunerija ta' sitt (6) xhur;